# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2024**

**Kawza Numru: 4**
**Rikors Ġuramentat Numru:- 1090/17JVC**

**John Busuttil (K.I. 156361M)**

**vs**

**Mary Azzopardi (K.I. 0490945M) u b'digriet datat 26 ta' Jannar 2023 l-atti gew trasfuzi f'isem Dorianne Azzopardi (434383M) stante li Mary Azzopardi mietet fil-mori tal-kawza**

**Michael Busuttil (K.I. 0307149M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent John Busuttil li jaqra kif isegwi:

‘Illi John Busuttil huwa wiehed mis-sitt itfal ta' Lorenza Busutill nee Micallef li mietet fl-1 ta' Jannar 2008 kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt anness u mmarkat bhala DOK JB1;

Illi Lorenza Busutill kienet mizzewga lil Salvatore Busutil li ghadu haj u bejniethom kienet tirrenja l-komunjoni tal-akkwisti;

Illi l-gid kollu li kellhom Salvatore u Lorenza Busuttil, kemm ghal dak li jirrigwarda beni mobbli u immobbli, flus u deheb kien jappartjeni lit-tnejn peress illi kollox inxtara waqt li kienu mizzewgin;

Illi l-istess Lorenza u Salvatore mizzewgin Busuttil ghamlu testment *unica carta* datat tnejn u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (22.10.2007) in atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Trigona fejn huma istitwew bhala eredi universali taghhom it-tfal taghhom ir-rikorrenti John Busuttil, l-intimati Michael Busuttil u Mary Azzopardi u lil Alfreda Aquilina. Illi d-defunta halliet is-sehem riservat liz-zewg uliedha l-ohra u cioe' Joseph u Francis, ahwa Busuttil; Dok JB2

Illi permezz tat-testment surriferit Lorenza Busuttil halliet b'titolu ta' legat s-sehem taghha:

1. Lil zewga Salvatore Busuttil in pjena propjeta kull flus, depozitu, stocks, shares u l-uzufrutt tal-beni taghha kollha
2. Lil John u Michael Busuttil indivizament flimkien kull sehem li ghanda mill-inkwillinat tal-fond numru sitta (6) Main Gate Approach, Vittoriosa
3. Lil John Busuttil in pjena propjeta il-fond numru sitta u tletin (36) Xatt il-Kalkara, Kalkara

4. Lil Michael Busuttil in pjena propjeta l-fond numru tnejn u erbghin (42) Watermill Street, Kalkara

Illi l-konsistenza tal-wirt ta' Lorenza Busuttil f'dak li jirrigwarda immobbli, tikkonsisti fis-segwenti:

1. Nofs indiviz tal-fond fl-indirizz erbghin (40), bl-isem Saviour House fi Triq is-Sienja gewwa l-Kalkara
2. Nofs indiviz tal-fond fl-indirizz sitta u tletin (36) fi Triq il-Marina gewwa l-Kalkara
3. Nofs indiviz tal-garaxx internament bin-numru wiehed (1) b'access minn Triq is-Sienja gewwa l-Kalkara
4. Nofs indiviz tal-garaxx internament bin-numru tlieta (3) b'access minn Triq is-Sienja gewwa l-Kalkara
5. Nofs indiviz tal-garaxx bin-numru tnejn u erbghin (42) fi Triq is-Sienja gewwa l-Kalkara

Illi minn ricerki maghmula jirrizulta li s-successjoni ta' Lorenza Busuttil kienet regolata b' dan it-testment unica carta; Dok JB3 u JB4

Illi d-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Lorenza Busuttil saret fis-27 ta' Gunju 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Trigona. Dok JBS 5

Illi fil-21 ta' Frar 2017 permezz ta' nota pprezentata fis-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja tal-Qorti Civili Digriet Nru 196/2017 (Dok JB7) Alfreda Aquilina ddikjarat li ma kinitx qed taccetta l-wirt dovut lilha mis-successjoni ta' ommha Lorenza Busutil kif stipulat fit-testament taghha tas-22 ta' Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Trigona filwaqt li zammet ferm id-dritt taghha ghall-porzjon riservat skond il-ligi kif dedott fir-rikors guramentat 1041/2017

Illi hu l-kontendenti Joseph Busuttil thallas il-porzjon rizervat spettanti lilu bi qbil bejn il-partijiet fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf ewro (€26,000) f'porzjonijiet indaqs mill-konvenuti.

Illi l-esponent interpella lill-intimati sabiex jimmittuh fil-pussess tal-legati mhollija lilu minn Lorenza Busuttil skont it-testament datat tnejn u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (22.10.2007) in atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Trigona kif ukoll jersqu ghall-qsim tal-wirt ai temini tal-istess testament anke permezz ta' ittra ufficjali tal-17 ta' Mejju 2017 bin-numru 1837/2017 (Dok JB8) pero dawn baqghu inadempjenti.

Illi l-esponenti ma kellux ghazla hlief li jipprezenta din il-kawza

Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

**Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:**

1. Tordna lill-istess konvenuti sabiex, ghal kull fini u effett tal-ligi, jimmittu fil-pussess lir-rikorrenti fil-legat imholli lilu f'dak li jirrigwardja s-sehem indiviz tal-attur mholli minn Lorenza Busuttil tal-inkwillinat tal-fond numru sitta (6) Main Gate Approach, Vittoriosa kif ukoll fil-legat imholli lilu minn Lorenza Busuttil in pjena propjeta il-fond numru sitta u tletin (36) Xatt il-Kalkara, Kalkara

2. Tistabilixxi u taccerta l-konsistenza ta' l-assi ereditarji tad-defunta Lorenza Busuttil okkorrendo bil-hatra ta' periti nominandi;

3. Tassenja u taqsam dawn l-assi ereditarji tad-defunta Lorenza Busuttil bejn il-partijiet f'ishma ugwali, skont it-testmenti u skont il-ligi u dana prevja li tiddikjara illi Salvatore Busuttil ghandu jgawdi l-uzufrutt tal-beni kollha tad-decuius Lorenza Busuttil u dejjem neqsin l-assi mhollija b'legati u dana okkorrendo bil-hatra ta' periti nominandi;

4. Tinnomina Nutar Pubbliku biex f'jum, hin u lok stabbilt minn din il-Qorti, jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-legati imhollija lir-rikorrenti minn Lorenza Busuttil skond it-testment unica carta datat tnejn u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (22.10.2007) in atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Trigona u tal-qasma tal-eredita' tad-defunta Lorenza Busuttil

5. Tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja u/jew l-assenti fuq l-atti pubblici relattivi.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali tal-17 ta' Mejju 2017 bin-numru 1837/2017 u bl-imghaxijiet kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Mary Azzopardi u Michael Busuttil li taqra kif isegwi:

1. 'Illi, fl-ewwel lok, fid-dawl ta' kif min-naha l-wahda giet deskritta l-konsistenza tal-wirt ta' Lorenza Busuttil fir-rikors promotur (pagna 2) u kif min-naha l-ohra gie deskritt l-assi immobiljari taghha fid-dikjarazzjoni 'causa mortis' relativa (Dok JB 5 esebit mar-rikors promotur), irid jigi verifikat jekk giex dikjarat l-assi kollu ta' l-istess Lorenza Busuttil.

2. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in rigward ta' l-ewwel talba attrici u senjatament fejn gie asserit illi ssir l-immissjoni fil-pussess tal-legat imholli tal-fond 36, Xatt il-Kalkara, Kalkara ‘in pjena proprjeta’’, jigi rilevat illi l-mejta Lorenza Busuttil kellha biss in-nofs indiviz tal-fond imsemmi.

3. Illi in rigward tat-tielet talba attrici, l-esponenti ma jopponux ruhhom kontra id-divizjoni ta' l-assi ereditarju ta' ommhom Lorenza Busuttil, kif jixraq skond il-ligi.’.

Rat l-affidavits, xhieda, certifikati tal-mewt, ricerki testamentarji, testment *unica charta*, testmenti addizzjonali, dikjarazzjoni *causa mortis*, korrezzjoni tad-dikjarazzjoni *causa mortis*, nota ta’ rinunzja, ittra ufficjali, rapport tal-Perit Lino Cachia, pjanti, kuntratti ta’ donazzjoni rrevokabbli, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-10 ta’ Mejju, 2018 gie dikjarat li din il-kawza miexja mal-kawza bir-rikors numru 1041/2017;

Rat illi fil-verbal tas-16 ta’ Ottubru, 2018 Dr John Vassallo u Dr Paul Gauci Maistre nfurmaw lil Qorti li giet ipprezentata kawza ohra bir-rikors numru 772/2018 quddiem din il-Qorti kif attwalment ippreseduta u talbu li din il-kawza tinstema’ ma’ dik il-kawza u rat li l-Qorti laqghet it-talba u ordnat li din il-kawza flimkien mal-kawza bir-rikors numru 1041/2017 timxi mal-kawza msemmija;

Rat illi fil-verbal tad-29 ta’ Settembru, 2021 il-partijiet qablu li l-provi migbura fil-processi 1041/17 u 772/2018 ghandhom jaghmlu prova wkoll fil-process odjern;

Rat illi fil-verbal datat 26 ta' April, 2022 il-kawza giet differita ghas-26 ta' Jannar, 2023 ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat ir-rikors tal-Avukati Dottor Josette Grech u Dr Veronica Perici Calascione ntavolat nhar is-26 ta' Ottubru, 2022 fejn talbu lil Qorti (i) tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza tal-kawza sakemm isiru s-soliti ricerki testamentarji sabiex jigi stabbilit min hu/hi jew min huma l-eredi ta' l-imsemmija Mary Azzopardi u ghalhekk sakemm ikun hemm il-possibilita' li ssir d-debita talba ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju tal-mejta Mary Azzopardi, (ii) tissospendi t-terminu tal-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet ta' Mary Azzopardi u dan sakemm isir id-debita trasfuzjoni tal-gudizzju tal-mejta Mary Azzopardi, u (iii) fin-nuqqas taghti direzzjoni dwar il-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet ta' Mary Azzopardi u rat id-digriet tal-Qorti datat 4 ta' Jannar, 2023 fejn laqghet it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' Dorianne Azzopardi ntavolat nhar it-12 ta' Jannar, 2023 fejn permezz tieghu nfurmat lil Qorti li fil-mori giet nieqsa ommha Mary Azzopardi u talbet sabiex il-Qorti joghgobha tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju a favur taghha u dan a tenur tal-Artikolu 806 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u rat li fil-verbal tas-26 ta' Jannar, 2023 b'referenza ghal dan ir-rikors il-kontro-partijiet prezenti ddikjaraw li mhux qed joggezzjonaw ghat-trasfuzjoni kif mitluba u rat li l-Qorti laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzjoni tal-atti minn fuq isem l-intimata Mary Azzopardi ghal fuq Dorianne Azzopardi (K.I. nru: 434383M);

Rat illi fil-verbal tas-26 ta' Jannar, 2023 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u ta' dawk annessi.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna titratta talba ghal immissjoni fil-pussess favur ir-rikorrenti John Busuttil tal-legati imhollija lilu minn ommu Lorenza Busuttil bit-testment tat-22 ta' Ottubru, 2007 fl-atti tan-Nutar Alexander Sciberras Trigona (fol. 8):
(i) tal-inkwilinat tal-fond numru sitta (6) f'Main Gate Approach, Vittoriosa, u
(ii) tal-fond bin-numru sitta u tletin (36) f'Xatt il-Kalkara, Kalkara,
kif ukoll, id-divizjoni u l-assenjazzjoni tal-assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil bejn il-partijiet f'ishma ugwali skont it-testmenti u skont il-ligi u dan prevja li jigi dikjarat li Salvatore Busuttil ghandu jgawdi l-uzufrutt tal-beni kollha tad-decuius Lorenza Busuttil.

Illi l-intimati Mary Azzopardi u Michael Busuttil fir-risposta guramentata taghhom intavolata nhar it-3 ta' Jannar, 2018 eccepew fl-ewwel lok illi fid-dawl ta' kif giet deskritta l-konsistenza tal-wirt ta' Lorenza Busuttil fir-rikors promotur u mbaghad kif deskritta fid-dikjarazzjoni *causa mortis* relattiva, li jrid jigi verifikat jekk gewx dikjarati l-assi kollha tal-imsemmija Lorenza Busuttil. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju eccepew li in rigward ta' l-ewwel talba attrici jigi rilevat li l-mejta Lorenza Busuttil kellha biss in-nofs indiviz tal-fond imsemmi. Finalment eccepew li fir-rigward tat-tielet talba attrici huma m'ghandhomx

oggezzjoni kontra d-divizjoni ta' l-assi ereditarji ta' ommhom Lorenza Busuttil, kif jixraq skont il-Ligi.

**L-ewwel eccezzjoni tal-intimati:**

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew li jrid jigi verifikat jekk gewx dikjarati l-assi kollha tal-mejta Lorenza Busuttil u dan in vista li fir-rikors promotur gie dikjarat mod u fid-dikjarazzjoni *causa mortis* gie dikjarat mod iehor.

Illi l-Qorti rat li fl-atti tal-kawza bir-rikors guramentat numru 1041/2017JVC fl-ismijiet Alfreda Aquilina -vs- Mary Azzopardi, allegat mal-process odjern, giet ipprezentata kopja ta' korrezzjoni ta' dikjarazzjoni *causa mortis* datata 5 ta' Marzu, 2020 fl-atti tan-Nutar Alexia Sciberras Trigona (a fol. 72 et seq tal-process imsemmi) minn fejn jirrizulta li saret korrezzjoni fid-deskrizzjoni tal-proprjeta' biex minn proprjeta' konsistenti f'kantina giet sostitwita f'dik ta' zewg garaxxijiet ndikati bin-numri wiehed (1) u tnejn (2) accessibbli minn drive way taht il-livell tat-triq.

Illi gialadarba jirrizulta mill-atti li saret il-korrezzjoni necessarja fid-dikjarazzjoni *causa mortis* b'tali mod li giet tirrifletti l-konsistenza tal-assi tal-mejta Lorenza Busuttil, il-Qorti m'ghandhiex ghaliex tinoltra oltre f'din l-eccezzjoni u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Kunsiderazzjonijiet relatati mat-talbiet:**

**L-ewwel talba tar-rikorrenti – immissjoni fil-pussess:**

Illi r-rikorrenti John Busuttil permezz ta' l-ewwel talba jitlob sabiex il-Qorti tordna lill-intimati, ghal kull fini u effett tal-ligi,

jimmittuh fil-pussess fil-legati imhollija lilu f'dak li jirrigwarda s-sehem indiviz tieghu mholli minn Lorenza Busuttil tal-inkwilinat tal-fond numru sitta (6) f'Main Gate Approach, Vittoriosa u l-legat in pjena proprjeta' tal-fond bin-numru sitta u tletin (36) f'Xatt il-Kalkara, Kalkara.

Illi jibda billi jinghad illi sehem il-mejta Lorenza Busuttil huwa biss dak ta' nofs (1/2) indiviz tal-proprjetajiet imsemmija. Ghalhekk jirrizulta li l-pretensjoni tar-rikorrent li jigi immess fil-pussess tal-legat in pjena proprjeta' tal-fond bin-numru sitta u tletin (36) f'Xatt il-Kalkara, Kalkara hija wahda zbaljata billi l-immissjoni fil-pussess ghandha tkun fis-sehem ta' nofs indiviz (1/2). Ghalhekk dak eccepit fit-tieni eccezzjoni ghandu mis-sewwa u l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Illi segwa li r-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu dwar din it-talba jissottometti illi m'hemmx htiega iktar tal-immissjoni fil-pussess in kwantu l-inkwilinat tal-fond numru sitta (6) f'Main Gate Approach, Vittoriosa billi dan inqaleb f'ismu bil-kunsens tal-intimat Michael Busuttil u dwar in-nofs indiviz tal-fond 36 f'Xatt il-Kalkara, Kalkara, li kien jappartjeni lil missieru Salvatore Busuttil, dan gie moghti lilu permezz ta' donazzjoni.

Illi l-fatt li r-rikorrenti ghandu l-pussess fiziku tal-immobbli partikolarment tal-fond bin-numru sitta u tletin (36) f'Xatt il-Kalkara, Kalkara fl-intier tieghu ma jfissirx li m'ghandux ghalfejn jitlob l-immissjoni fil-pussess formali li fil-kaz ta' hwejjeg immobbli jrid isir b'att pubbliku. Anzi l-Qorti temmen li huwa fl-interess tar-rikorrent li jkollu fil-pussess tieghu l-immissjoni fil-pussess b'att pubbliku u dan anke fl-eventwalita' li tigi lilu mitluba bhal f'kaz ta' bejgh li fih ikun involut il-bank li f'kazijiet jitolbu l-immissjoni fil-pussess formali. Ghalhekk ghalkemm ir-

rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jiddikjara li m'hemmx aktar il-htiega tal-immissjoni fil-pussess u wkoll ghaliex it-talba ma gietx formalment irtirata, l-Qorti ser tilqa' t-talba.

**<u>It-tieni u t-tielet talba – il-konsistenza ta' l-assi ereditarji u l-assenjazzjoni u l-qasma tal-assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil:</u>**

Illi mill-atti jirrizulta li l-konsistenza ta' l-assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil, u li hemm qbil fuqhom, kienu jikkonsisti kemm f'mobbli, kif ukoll f'immobbli, u dawn huma s-segwenti:

**<u>Mobbli:</u>**

Flus il-bank u nvestimenti li rrizultaw mix-xhieda ta' Joanna Bartolo – rapprezentanta ta' Bank of Valletta plc (a fol. 149 et seq tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC), Lorraine Attard – rapprezentanta ta' HSBC Bank Malta plc (a fol. 151 et seq tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC), u Miriam Azzopardi – rapprezentanta tal-Borza ta' Malta (a fol. 158 et seq tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC).

<u>Kontijiet bankarji f'isem Lorenza Busuttil:</u>

1. Term deposit account bin-numru 40014752870 fl-ammont ta' €3,494.06 (ara statement a fol. 53 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

2. Savings account bin-numru 40014752883 fl-ammont ta' €1427.49 (ara statement a fol. 57 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

<u>Kontijiet bankarji f'isem Salvatore Busuttil:</u>

3. Savings account bin-numru 16501770014 fl-ammont ta' €1,562.22 (ara statement a fol. 61 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

4. Savings account bin-numru 16501770069 fl-ammont ta' £1,352.72 (ara statement a fol. 68 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC). Il-Qorti ser tiehu l-ammont ta' £1,352.72 bhala dak ta' €1,352.72 ikkunsidrat li meta ssir il-konverzjoni m'hemmx wisq differenza fl-ammont u fl-ahhar mill-ahhar meta jsir l-izbank sabiex issir id-divizjoni l-ammont ser jinghata skont ir-rata tal-gurnata;

5. Call account bin-numru 40015535407 fl-ammont ta' €373.41 (ara statement a fol. 77 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

6. Term deposit account bin-numru 40015535423 fl-ammont ta' €6,988.12 (ara statement a fol. 83 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

7. Multi asset class deposit bin-numru 40015578053 fl-ammont ta' €6,000 (ara statement a fol. 86 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

8. Term deposit account bin-numru 40015804497 fl-ammont ta' €3,494.06 (ara statement a fol. 88 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

9. Savings account bin-numru 040005159050 fl-ammont ta' €1,663.34 (ara statement a fol. 90 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

10. Term deposit account bin-numru 040005159102 fl-ammont ta' €3494.06 (ara statement a fol. 100 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

11. Term deposit account bin-numru 040005159101 fl-ammont ta' €6041.81 (ara statement a fol. 113 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

12. Term deposit account bin-numru 040005159100 fl-ammont ta' €9317.49 (ara statement a fol. 126 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

13. Term deposit account bin-numru 040005159103 fl-ammont ta' €4,658.75 (ara statement a fol. 138 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

14. Titolu 4.8% Malta Government Stock 2016 (II) fl-ammont ta' €4,659 (ara statement a fol. 148 tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

15. Titolu 5% Malta Government Stock 2021 fl-ammont ta' €13,977 (ara statement a fol. 148 tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

16. Titolu 5.5% Malta Government Stock 2023 fl-ammont ta' €4,659 (ara statement a fol. 148 tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

17. Titolu 6.35% Malta Government Stock 2013(II) fl-ammont ta' €4,659 (ara statement a fol. 148 tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

18. Titolu 6.4% Gasan Finance Plc Bonds 2008-2011 fl-ammont ta' €466 (ara statement a fol. 148 tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC);

19. Titolu Bank of Valletta Plc Ordinary Shares fl-ammont ta' €360 (ara statement a fol. 148 tal-process bir-rikors guramentat numru 772/18JVC).okm

Total ta' €78,647.53 diviz fi 2 sabiex l-ammont ikun jirrapprezenta sehem il-mejta Lorenza Busuttil huwa ta' disa' u tletin Elf, tlett mija tlieta u ghoxrin Euro u seba' u sebghin centezmu (€39,323.77).

Illi dan l-ammont ghandu jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet kollha tal-kawza u cioe' bejn ir-rikorrenti John Busuttil u l-intimati Mary Azzopardi llum Dorianne Azzopardi u Michael Busuttil biex b'hekk kull parti jmissha tiehu s-somma ta' tlettax il-elf mija u sebgha Ewro u tlieta u disghin centezmu (€13,107.93).

**<u>Immobbli:</u>**

1. Nofs indiviz (1/2) tal-fond bin-numru erbghin (40) li jgib l-isem Salvatore House fi Triq is-Sienja, Kalkara – dan il-fond fl-intier tieghu gie stmat mill-Perit Lino Cachia fil-valur ta' mija hamsa u hamsin elf Ewro (€155,000) u ghalhekk sehem il-mejta Lorenza Busuttil huwa dak ta' sebgha u sebghin elf u hames mitt Ewro (€77,500);

2. Nofs indiviz (1/2) tal-garaxx internament immarkat bin-numru wiehed (1) b'access minn driveway minn Triq is-Sienja, Kalkara – dan il-fond fl-intier tieghu gie stmat mill-Perit Lino Cachia fil-valur ta' sittin elf Ewro (€60,000) u ghalhekk sehem il-mejta Lorenza Busuttil huwa dak ta' tletin elf Ewro (€30,000);

3. Nofs indiviz (1/2) tal-garaxx internament immarkat bin-numru tnejn (2) b'access minn driveway minn Triq is-Sienja, Kalkara – dan il-fond fl-intier tieghu gie stmat mill-Perit Lino Cachia fil-valur ta' mija u sittax il-elf u hames mitt Ewro (€116,500) u ghalhekk sehem il-mejta Lorenza Busuttil huwa dak ta' tmienja u hamsin elf mitejn u hamsin Ewro (€58,250).

Illi dwar dawn l-immobbli ndikati fil-paragrafi precedenti huwa car li dawn m'humiex komodament divizibbli bla xkiel u bla hsara, u in oltre m'huwiex possibbli li ssir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda ta' l-istess valur, ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandhiex ghazla ohra ghajr li tordna l-bejgh bil-licitazzjoni taghhom ai termini tal-Artikolu 515 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tinnota li r-rapport u l-istejjem tal-Perit Lino Cachia saru ghan-nom tal-partijiet u jinsab esebit fil-kawza bir-rikors guramentat numru 1041/17JVC fl-ismijiet Alfreda Aquilina -vs-Mary Azzopardi et (a fol. 42 et seq tal-process). Dan ir-rapport huwa datat 18 ta' Lulju, 2016 u ghalhekk il-Qorti tifhem li l-istejjem indikati f'dan ir-rapport saru fl-2016. L-intimata Dorianne Azzopardi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u fir-replika tinsisti li jekk il-Qorti tiddeciedi li tiskarta t-tezi taghha u tordna li l-proprjetajiet ghandhom jigu mibjugha bil-licitazzjoni, l-valuri tal-immobbli ghandhom ikunu jirriflettu l-valur tallum. In vista li dawn l-istejjem ilhom numru ta' snin li nghataw il-Qorti tqis li

jkun fl-interess tal-partijiet kollha li tinghata valutazzjoni gdida tal-immobbli u ghalhekk tkun tirrifletti s-suq prezenti. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tordna li fl-atti tal-bejgh bil-licitazzjoni ghandu jitqabbad il-Perit Valerio Schembri sabiex jaghti valur lill-immobbli fuq deskritti u sussegwentement l-immobbli jghaddu ghal bejgh bil-licitazzjoni b'dak il-valur.

Il-Qorti temmen ukoll illi fic-cirkostanzi, fl-ahjar interess tal-partijiet kollha, fil-bejgh bil-licitazzjoni ghandha tigi awtorizzata l-partecipazzjoni ta' oblaturi estranei, anke ghaliex tali partecipazzjoni hija mposta mill-ligi fl-Artikolu 521 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

'(2) Fil-każijiet kollha, il-barranin għandhom jiġu mistednin biex joffru.'.

Illi wara li jsir il-bejgh bil-licitazzjoni tal-immobbli suriferiti r-rikavat mill-bejgh ghandu jigi spartit fi tlett porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti.

Finalment dwar dak sottomess mill-intimata Dorianne Azzopardi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u fir-replika relatat mat-testmenti tal-mejjet nannuwha Salvatore Busuttil fejn jirrizulta li huwa ghamel uzu mill-*legato di cosa altrui* fuq immobbli li whud minnhom jiffurmaw parti mill-massa ereditarja tal-mejta Lorenza Busuttil li taghhom intalab id-divizjoni f'din il-kawza, l-Qorti tirrileva li f'din il-kawza hija mitluba sabiex (i) tordna l-immissjoni fil-pussess ta' legati mhollija mill-mejta Lorenza Busuttil, u (ii) sabiex tiddividi u tassenja l-assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil u xejn aktar. Ma jirrizultax li tressqet xi eccezzjoni f'dan is-sens, jew li tressaq xi rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza minhabba c-cirkostanzi ndikati mill-intimata Dorianne

Azzopardi. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tidhol fi kwistjonijiet li m'hijiex mitluba tiddeciedi dwarhom permezz tar-rikors guramentat stante li tkun qieghda tezorbita mill-kompetenza taghha.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimati stante li rrizulta li l-mejta Lorenza Busuttil kellha biss is-sehem ta' nofs indiviz (1/2) tal-fondi msemmija;

2. Tilqa' limitatament l-ewwel talba u tordna lill-intimati sabiex ghal kull fini u effett tal-ligi, jimmittu fil-pussess tar-rikorrent fil-legati imhollija lilu f'dak li jirrigwarda s-sehem indiviz tar-rikorrenti mholli minn Lorenza Busuttil tal-inkwilinat tal-fond numru sitta (6) Main Gate Approach, Vittoriosa, kif ukoll fil-legat imholli lilu minn Lorenza Busuttil tan-nofs indiviz (1/2) tal-fond numru sitta u tletin (36) f'Xatt il-Kalkara, Kalkara.

3. Tilqa' t-tieni talba u tistabbilixxi u taccerta l-konsistenza ta' l-assi ereditarji tad-defunta Lorenza Busuttil f'dawk il-mobbli u l-immobbli ndikati f'din id-decizjoni taht it-taqsima '**<u>It-tieni u t-tielet talba – il-konsistenza ta' l-assi ereditarji u l-assenjazzjoni u l-qasma tal-assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil:'</u>**;

4. Tilqa' limitatament it-tielet talba in kwantu tassenja u taqsam l-assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil bil-mod kif isegwi:

(i) Tassenja u tiddividi l-mobbli fi tlett porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet skont it-testmenti u skont il-ligi u dan kif indikat fit-taqsima '**It-tieni u t-tielet talba – il-konsistenza ta' l-assi ereditarji u l-assenjazzjoni u l-qasma tal-assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil:'** fis-sezzjoni ndikata bhala '**Mobbli:**' b'dan li kull parti hija ntitolata ghas-somma ta' tlettax il-elf mija u sebgha Ewro u tlieta u disghin centezmu (€13,107.93);

(ii) Dwar l-immobbli, stante li rrizulta li l-beni mmobbli formanti parti mill-assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil indikati fit-taqsima '**It-tieni u t-tielet talba – il-konsistenza ta' l-assi ereditarji u l-assenjazzjoni u l-qasma tal-assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil:'** fis-sezzjoni ndikata bhala '**Immobbli:**' m'humiex komodament divizibbli, tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-imsemmija proprjeta' mmobbli u dan wara li jigi stabbilit il-valur fis-suq prezenti tal-istess u ghal dan il-ghan qed tinnomina lill-Perit Valerio Schembri sabiex jistabbilixxi l-valur tal-immobbli fis-suq u bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei u wara l-bejgh bil-licitazzjoni tordna li r-rikavat mill-imsemmi bejgh, wara li jitnaqqsu l-ispejjez inkluz tal-Perit Tekniku jekk ikunu ghadhom dovuti, jinqasam f'ishma indaqs bejn il-kontendenti;

5. Tilqa' r-raba' talba u tinnomina lin-Nutar Alexia Sceberras Trigona sabiex fi zmien massimu ta' tlett xhur tghaddi ghal pubblikazzjoni bejn il-partijiet tal-att ta' immissjoni fil-pussess lir-rikorrenti fil-hin, data u lok li tindika l-istess nutar;

6. Tilqa' l-hames talba u tinnomina lill-Avukat Alex Scerri Herrera bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-eventwali assenti fuq l-att pubbliku tal-immissjoni fil-pussess.

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura ghandhom ikunu sapportati fil-kwota ta' terz (1/3) kull parti, filwaqt li l-ispejjez tal-immissjoni fil-pussess inkluz il-kuratur nominat ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent. L-ispejjez tal-Perit nominat Valerio Schembri jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Tordna komunika tad-decizjoni lill-Avukat Alex Scerri Herrera, lin-Nutar Alexia Sceberras Trigona u lill-Perit Valerio Schembri.

**Moqrija**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Jannar, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar, 2024**